# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.

**Illum 6 ta' Dicembru, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Matthew Spagnol)**

**vs**

**Melvin Debono**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Melvin Debono detentur tal-karta tal-identita bin-numru 304591M, akkuzat talli fid-29 ta' Mejju, 2017 ghall-habta ta' l-erbgha neqsin kwart ta' filghodu (03:45hrs) fi Triq Santu Wistin San Giljan:

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, ghad-detriment ta' Felix Barbara, liema ammont ta' hsara jeccedi s-somma ta' elfejn u hames mitt ewro (€2500)
2. Saq il-vettura ta' ghamla BMW b' numru ta' registrazzjoni MCF 127 kontra l-karregata tat-traffiku
3. Saq il-vettura ta' ghamla BMW b' numru ta' registrazzjoni MCF 127 b' mod perikoluz
4. Irrenda lilu innifsu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, minn diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 19 ta' Lulju, 2017 (esebit a fol. 18 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident li sehh fis-sighat bikrin tad-29 ta' Mejju 2017 fejn il-Pulizija giet infurmata li vettura dahlet f'display tal-hanut Eat Me I'm Famous fi Triq Sant Elija, San Giljan, kkagunat hsara u baqghet sejra. PC 388 u PS 156 xehdu fl-udjenza tal-

11 ta' Mejju 2018 u tal-20 ta' Settembru 2018 rispettivament (a fol 37 u 38 u 42 sa 44 tal-atti processwali) fejn qalu li meta marru fuq f'dan il-hanut raw id-display imkisser u tlett scooters mal-art izda ma sabux il-vettura li dahlet fid-display fuq il-post. Bugatu Huan Valentin, impjegat fil-hanut infurmahom li vettura tal-marka BMW bin-numru ta' registrazzjoni MCF 237 nizlet kontra s-sinjal tal-one-way u baqghet diehla fid-display tal-hanut. Min-numru ta' registrazzjoni moghti lilhom il-Pulizija identifkaw lill-imputat bhala s-sewwieq tal-vettura. L-Ispettur Matthew Spagnol li xehed fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2018 (a fol 28 sa 30 tal-atti processwali) esebixxa filmati (Dok. MS1) tal-incident fejn tidher il-vettura diehla fid-display u esebixxa wkoll material damage claim form ta' Citadel Insurance flimkien ma' prospett (Dok. MS2 a fol 32 sa 34 tal-atti processwali) mghoddija lilu minn Felix Barbara, sid il-hanut. Fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 2018 l-Ispettur Matthew Spagnol prezenta sett ta' stills moghtija lill-Pulizija minn Felix Barbara (Dok. MS 4 a fol 57 sa 64 tal-atti processwali) u kopja tal-invoices u stimi tad-danni (Dok. MS3 a fol 50 sa 56 tal-atti processwali).

Illi fl-udjenza tas-16 ta' Mejju 2019 Felix Barbara xehed (a fol 69 sa 74 tal-atti processwali) li huwa s-sid tal-hanut Eat Me I'm Famous li jinsab San Giljan. Huwa spjega li meta sehh l-incident huwa ma kienx il-hanut izda cemplulu l-Pulizija li kienu nfurmawh b'dak li kien gara. Huwa kien ghadda stills lill-Pulizija u lil Citadel Insurance u kkonferma l-ircevuti u l-istimi esebiti a fol 51 et seq tal-atti processwali. Minkejja li ma ftakarx kemm thallas minghand Citadel Insurance ikkonferma li thallas tad-danni kollha sofferti. In kontro-ezami xehed li huwa m'ghandux interess f'dawn il-proceduri stante li thallas minn Citadel Insurance.

Illi fid-29 ta' Mejju 2017 l-imputat irrilaxxja stqarrija (a fol 14 sa 16 tal-atti processwali) fejn iddikjara li bejn it-28 u d-29 ta' Mejju 2019 2017 hu u t-tfajla tieghu kienu jinsabu Paceville. Qabel ma' marru d-dar waqfu fil-hanut Eat Me I'm Famous, San Giljan u impjegat barrani ffastidja lit-tfajla tieghu. It-tfajla tal-imputat offendietu u l-impjegat taha daqqa ta' sieq go kuxxtejha. Kif ra hekk l-imputat qabad mejda u garahielu u marru ghall-karozza tieghu BMW 535 bin-numru ta' registrazzjoni MCF 127. L-imputat jghid li huwa saq hdejn il-hanut u baqa diehel bil-karozza fid-display tal-pizza, irriversja u telaq.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat talli kkaguna hsara volontarja lil Felix Barbara f' ammont li jeccedi €2,500. Mill-provi prodotti, senjatament mill-istqarrija tal-imputat m' hemmx dubju li kien l-imputat li kagguna l-hsara u dan b'mod volontarju. Mill-istqarrija huwa car li l-imputat dahal bil-vettura tieghu fid-display tal-hanut mhux kumbinazzjoni izda ghaliex impjegat tal-hanut iffastidja lit-tfajla tieghu u taha daqqa ta' sieq f'kuxxtejha.  M'huwiex minnu dak li qed issostni d-Difiza li l-imputat irriversja u bi zball dahal fid-display tal-hanut.

Illi huwa ghalhekk pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-hsara saret b'mod volontarju. Fir-rigward tal-ammont ta' danni kkagunati, il-Prosekuzzjoni prezentat material damage claim form ta' Citadel Insurance flimkien ma' prospett ta' spejjez, sett ta' invoices u stimi li juru li l-hsarat sofferti. Mill-istatement of claim (a fol 33 tal-atti processwali)  jidher li l-ammont

mitlub kien ta' €2,507.14 filwaqt li l-ammont tal-prospett (a fol 34 tal-atti processwali) jindika li l-hsarat kienu ta' €3,857.14 u minn dak indikat fl-istejjem u l-invoices esebiti a fol 50 et seq tal-atti processwali jirrizulta li l-ammont tal-hsarat kien ta' €3,037.17. Felix Barbara naqas jikkonferma l-istima li tinsab a fol 50 tal-atti processwali fl-ammont ta' €875 (kif ukoll naqas li jikkonferma l-filmat moghti lill-Pulizija). In vista tad-diskrepanza fil-valur tal-hsarat kif ukoll fid-dawl li ma telax jixhed rapprezentant ta' Citadel Insurance sabiex jikkonferma l-ammont li effettivament thallas lil Felix Barbara kif ukoll li tali rcevuti u stejjem ma gewx ikkonfermati mill-persuni li rrilaxxawhom, tali nuqqas ghandu jkun a beneficcju tal-imputat. Ghalhekk il-Qorti ser tqis li l-hsarat sofferti jaqghu taht l-Artikolu 325(1)(d) tal-Kap. 9.

Illi l-proviso tal-Artikolu 325 jiddisponi li fil-kazijiet imsemmijin fil-paragrafi (c) u (d), hlief meta il-hsara tkun maghmula fi proprjetà pubblika, procedimenti jistghu jittiehdu biss bil-kwerela tal-parti offiza. Tenut kont ghalhekk li l-hsara kagunata qed titqies li taqa' taht il-paragrafu (d) u tenut kont li Felix Barbara ddikjara li ma jridx jipprocedi bl-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat il-Qorti ser tiddikjara l-proceddiment ezawrit fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

Illi in kwantu ghat-tieni imputazzjoni, il-Ligi Sussidjarja 65.05 tipprovdi ghal regolamenti dwar is-sinjali tat-traffiku u l-marki tal-karreggata. Sabiex l-imputat ikun jista' jinstab hati ta' din l-imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni kellha tipprova li kien hemm sinjal li l-imputat ma setghax jghaddi minn dik il-karreggata bil-mod li jidher ghadda minnu mill-filmat esebit. Tali prova ma ngabitx. Inoltre lanqas ittella bhala xhud l-impjegat

Bugatu Huan Valentin li kien il-persuna li nforma lil PC388 li l-imputat nizel kontra s-sinjal tal-One-Way.

Dwar sewqan perikoluz issir referenza ghas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Michael Grech moghtija fl-20 ta' Frar 2007 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud deciz fis- 6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:
>
> Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-nonosservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.
>
> Sewqan bla kont hu deskritt bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.
>
> Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]".

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali Il-Pulizija vs. Mario Gellel deciz fid-19 ta' Frar 2004:

> "... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs. Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs. Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs. Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. vs. Hardingham, 19.10.1963).
>
> Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs. Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs. Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita ssinistri stradali (App. Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892])".

Illi fir-rigward tat-tielet imputazzjoni din il-Qorti jidrilha li jirrizulta mill-provi li s-sewqan tal-imputat jikkwalifika bhala wiehed perikoluz tant li kkaguna hsara fil-proprjeta ta' Felix Barbara u setgha kien ukoll ta' periklu anki ghal terzi li kienu fil-vicinanzi tal-hanut.

Illi dwar l-addebitu tar-recidiva ma ngabu l-ebda provi mill-Prosekuzzjoni fir-rigward u ghalhekk l-imputat ma jistghax jinstab hati ta' tali addebitu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 15 (1) (a) u (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta' tminn mitt Ewro

(€800) u tiskwalifikah milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tliet (3) xhur millum. Il-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni, filwaqt li tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minnhom.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur